TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 67/17/F

**Margarita u Eman Debattista**

**vs**

**Robert Tabone eżerċenti l-kummerċ bħala Top Choice**

Illum 14 ta ' Novembru, 2017

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-10 t'April, 2017 fejn ir-rikorrenti talbu rifużjoni mija u dsatax-il ewro (€119), rappreżentanti prezz ta' vacuum cleaner illi wara li użawha ġralha l-ħsara.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimta, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometew illi huma kienu xtraw vacuum cleaner mingħand id-ditta ntimata Top Choice, u wara li użawha biex inaddfu t-twapet beda ħiereġ id-duħħan bil-konsegwenza li ma baqgħetx taħdem.

Is-soċjeta' ntimata ssottomettiet illi meta fetħu l-vacuum cleaner sabu trab żgħir li daħal fil-mutur u għalhekk iġġamjah, u mhux kopert għal dan it-trab żgħir.

It-Tribunal, iħoss illi fl-ewwel lok ir-rikorrenti ma kienux infurmati b'din il-biċċa xogħol, u fit-tieni lok meta tgħaddi vacuum cleaner fuq it-tapit, jinġema' kollox fuqu u għalhekk sakemm m'hemmx esklużjoni speċifika, ir-rikorrenti ma jkunux jafu b'dawn il-konsegwenzi.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' tmenin ewro (€80), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata, u b'dan illi l-vacuum cleaner tiġi propjeta' tas-soċjeta'ntimata wara li jsir il-ħlas.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**